# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 18 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 173/2018 AF**

**Jefpet Limited**

**vs**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Jefpet Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt ricevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fl-24 ta' Lulju tas-sena 2008, il-Bank konvenut ikkonceda facilità ta' self lill-attrici ghall-iskop dikjarat fl-imsemmi kuntratt.

Permezz ta' kuntratt iehor ricevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fil-25 ta' Lulju tas-sena 2008, il-Bank konvenut ikkonceda facilitajiet ta' kreditu bankarju ulterjuri lill-attrici, u dan kif miftiehem permezz tal-iskrittura privata tat-28 ta' Marzu tas-sena 2008.

L-attrici ma hallsitx lill-Bank il-kreditu tieghu, tant li l-istess attrici ikkostitwiet ruhha debitrici versu l-Bank konvenut kemm permezz ta' kuntratt ricevut min-Nutar Pubbliku Carmel Mangion tad-19 ta' Jannar tas-sena 2010 kif ukoll permezz ta' kuntratt iehor ricevut mill-istess Nutar Pubbliku fit-30 ta' April tas-sena 2014.

Minkejja l-kuntratti msemmijin fil-paragrafu precedenti, l-attrici qed tikkontesta l-imghaxijiet kif kalkolati u pretizi mill-Bank konvenut, billi dawn l-imghaxijiet huma eccessivi u gew komputati b'mod kompost, kontra l-ligi u kwindi abbuzivament.

Ghalhekk qed issir din il-kawza.

Geoffrey Montebello, debitament awtorizzat jirrapprezenta lill-attrici fi proceduri gudizzjarji, jikkonferma li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-imghaxijiet pretizi u kalkolati mill-Bank konvenut fuq id-dejn dovut lilu mill-attrici huma llegali u kontra l-ligi.

2. Tillikwida l-imghaxijiet realment dovuti mill-attrici u spettanti lill-Bank konvenut skond il-ligi,

u dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li lilha jkunu jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuta fi proceduri gudizzjarji.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament l-azzjoni hija perenta bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1027 kif applikat skond l-artikolu 2137 u fin-nuqqas, ghall-kreditu rrikonoxxut permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-sena 2010 bit-trapass ta' hames snin skond l-artikolu 2156 tal-Kap. 16.

Subordinatament it-talbiet huma nsostenibbli ghaliex ma ntalbitx ir-rexissjoni tal-kuntratti pubblici atti Nutar Carmel Mangion tad-19 ta' Jannar 2010 u tat-30 ta' April 2014.

Fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda ghaliex il-Bank intimat dejjem ikkalkula u zamm imghax skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-Bank intimat qieghed jassumi li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jirreferu ghall-istat ta' fatt qabel ma gew ippubblikati l-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu atti Nutar Carmel Mangion tad-19 ta' Jannar 2010 u tat-30 ta' April 2014 (Dokument HSBC 1 u HSBC 2) ghaliex dan mhux car mill-premessi tar-rikors promotur.

L-azzjoni hija perenta bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1027 kif applikat skond l-artikolu 2137 u fin-nuqqas, ghall-kreditu rrikonoxxut permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-sena 2010 bit-trapass ta' hames snin skond l-artikolu 2156 tal- Kap. 16.

Fil-mertu l-azzjoni hija frivola u vessatorja kemm ghaliex nonostante li r-rikorrenti ghandha (jew suppost ghandha) l-informazzjoni kollha dwar id-debiti taghha ai termini tal-obbligi finanzjarji mposti fuq kumpanniji kummercjali, naqset li ssostni l-allegazzjonijiet taghha permezz ta' ezercizzju minn persuna kkwalifikata ghal fini ta' mqar posizzjoni *prima facie*.

Fil-mertu wkoll il-Bank intimat dejjem ikkalkula u mputa imghaxijiet skond il-ligi u jidher li din dawn il-proceduri nfethu biss sabiex jostakolaw proceduri ta' subasta tal-proprjetà tar-rikorrenti.

Ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati minn Jefpet Limited huma kontestati u jehtieg illi jigu ppruvati.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-bank konvenut.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-bank konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi, li hija debitriċi tal-bank konvenut, qiegħda tikkontesta l-imgħaxijiet kif kalkolati u pretiżi mill-bank konvenut għaliex tgħid li l-imgħaxijiet huma eċċessivi u ġew komputati b'mod kompost u allura b'mod abbużiv li huwa kontra l-liġi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fl-2008 il-bank konvenut kien ikkonċeda faċilitajiet bankarji, inkluż faċilità ta' self, lill-attriċi. Skont ma xehdet ir-rappreżentant tal-bank konvenut, l-attriċi għamlet biss żewġ pagamenti akkont wieħed fl-ammont ta' €134,130.33 li sar fit-30 ta' Settembru 2008 u ieħor fl-ammont ta' €311,595.43 li sar fl-1 ta' April tal-2009.

Peress illi l-attriċi ma ħallsitx lill-bank il-kreditu dovut lilu, il-partijiet iffirmaw żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion, wieħed fid-19 ta' Jannar 2010 u ieħor fit-30 ta' April 2014 li permezz tagħhom l-attriċi ikkostitwiet ruħha debitriċi tal-bank konvenut fl-ammonti hemm indikati bl-imgħax kif imsemmi fl-istess kuntratti. Minn dan id-dejn għadu ma tħallas xejn. L-attriċi ma taqbilx mal-mod kif il-bank konvenut ikkalkula l-imgħax fuq il-kapital li sselfet u allura pproċediet b'din il-kawża sabiex tikkontestahom.

Il-bank konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> *"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball."*

Huwa jinvoka wkoll il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2156 tal-Kap. 16. Mingħajr dubju qiegħed jirreferi għas-sub inċiż (f) kif anke jispeċifa fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Dan jaqra hekk:

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

In linea ta' prinċipju ta' dritt ġie ritenut fil-kawża ta' Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2003:

> *"Illi, kif inghad iżjed 'il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli*

*jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu.*

*...*

*Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan illi ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni."*

Fis-sentenza Alf. Mizzi & Sons (Marketing Limited) vs Dismar Company Limited, tat-12 ta' Ottubru 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"...għar-rigward tal-preskrizzjoni msemmija mill-kumpannija mħarrka, jingħad li din hija waħda minn dawk imsejħin "preskrizzjonijiet qosra". Għalhekk, kif inhu mgħallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bħal din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena għall-azzjoni ċivili. Għalhekk, preskrizzjoni bħal din għandha tingħata tifsira dejqa. Issa jrid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu. Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet di fare;*

*Illi peress li l-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-interpretazzjoni eiusdem generis, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li*

*tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus."*

Rilevanti wkoll hu dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ ta' Malitraco Ltd et vs Domenico Savio Micallef, tal-14 ta' Marzu 2007:

*"Fuq it-tieni punt sottomess jibda biex jinghad illi tezisti gurisprudenza pacifika li ssostni li l-preskrizzjoni hi istitut ta' interperetazzjoni strettissima (Kollez. Vol. XLI P I p 546). Jinghad in fatti f'dan il-kuntest illi "hi gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li f'materja ta' preskrizzjoni, l-artikoli rilevanti ghandhom jigu applikat rigorozament skond ma hemm provvdut u ma ghandhom, taht l-ebda cirkostanzi, jigu estizi, per ezempju b' interpretazzjoni, biex ikopru kazijiet li ma jikkontemplawx. Dan ovvjament ghax il-preskrizzjoni fiha nfisha, hija istitut, li ghalkemm socjalment necessarju biex tnehhi kull incertezza fl-istat ta' dritt, hu fih innifsu istitut punittiv, in kwantu jillimita u jcahhad l-ezercizzju tad-dritt ta' azzjoni, bis-semplici perkors taz-zmien". ("Jean Depasquale nomine -vs David Jones", Prim'Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1991 per Imhallef Joseph Said Pullicino;*

*Huwa evidenti minn din is-silta illi, trattandosi ta' materja ta' preskrizzjoni, il-ligi ma tistax tigi supplimentata "per analogia". Jibqa' l-fatt, però, illi, meta applikabbli, kif hekk, skond l-Artikolu 2148 (b), hu l-kaz hawhekk, "il-fondament tal-preskrizzjoni estintiva … hu l-interess li jitqieghed tmiem ghal proponibilità ta' l-azzjoni biex l-istat guridiku ta' l-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv ta' l-azzjoni" (Kollez. Vol. XXXVII P II p 683). Isegwi, illi fl-ordinament socio-guridiku l-istitut tal-preskrizzjoni jibqa' dejjem salvagwardja necessarja tac-certezza tad-drittijiet;"*

Fil-fehma tal-Qorti, il-preskrizzjoni sollevata mill-bank konvenut mhijiex applikabbli għall-każ. Il-preskrizzjoni hija intrinsikament marbuta mal-azzjoni u l-kawża tal-lum ma tikkonċernax xi kreditu dovut lill-attriċi u fil-fatt ma saret l-ebda talba għall-ħlas jew rifużjoni ta' xi somma mħallsa żejda. L-attriċi mhux qed

titlob l-ebda ‘ħlas’ kif iridu l-artikoli tal-liġi li l-bank konvenut jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuqhom, għaliex il-ħlas tal-imgħax li qiegħda tikkontesta l-attriċi għadu ma sarx.

Fil-fatt jirriżula li l-attriċi la għadha ħallset il-kapital u lanqas l-imgħax u għalkemm kienet għamlet żewġ pagamenti akkont fl-2008, żgur illi minn dawn l-ammonti mhuwiex dovut xejn in linea ta’ xi imgħax li seta’ tħallas żejjed.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-bank konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jitħallsu mill-bank konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG